# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## RIK NRU 72/2021: **BALLUT BLOCKS SERVICES LIMITED (C8360) V. R. X. CONSTRUCTION LIMITED (C85359)**

(AMMONT DOVUT)

**MAĠISTRAT: DR. VICTOR G. AXIAK**

**20 ta' Mejju 2024**

IL-QORTI,

wara li rat ir-rikors ta' Ballut Blocks Services Limited (imsejjħa "ir-rikorrenti" jew "il-kumpanija rikorrenti") ippreżentat fis-26 ta' Marzu 2021[1] li permezz tiegħu talbet li R. X. Construction Limitec (imsejjħa "l-intimata" jew "il-kumpanija intimata") tidher fid-data appuntata għas-smiegħ u tgħid 'l għaliex m'għandhiex tiġi kkundannata li:

> **'tħallas lis-soċjetà rikorrenti l-ammont ta' tmint elef, tliet mija u tlieta u sittin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€ 8,363.84), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' concrete mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lis-soċjetà konvenuta mis-soċjetà attriċi fuq inkarigu tas-soċjetà konvenuta, u dana kif jirriżulta mill-annessa invoice (Dok BBS1).**
>
> **Bl-ispejjeż, inkluż dawk tal-ittra uffiċjali bin-numru 3161/2020 ippreżentata fit-18 ta' Diċembru 2020 ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u bl-imgħax legali b'effett minn meta l-ammont kien dovut kontra s-soċjetà konvenuta sad-data tal-effettiv pagament'**

wara li rat illi ir-risposta tal-intimata ippreżentata fit-30 ta' Mejju 2022[2] li permezz tagħha laqgħet għat-talbiet tar-rikorrenti kif ġej:

---

[1] Fol 1-2
[2] Fol 35-38

**'1. Illi filwaqt li s-soċjeta intimata tammetti li għandha tħallas l-ammont pretiż, teċepixxi li m'għandhiex tbati l-ispejjeż stante:**

**a. Kien hemm ftehim bejn il-partijiet li s-soċjeta intimata tħallas elf euro (€ 1,000) fix-xahar pero s-soċjeta attrici wara ftit jiem mill-ftehim intavolat sekwestru kontra l-esponenti;**

**b. Wara s-sekwestru ġie iddepożitat l-ammont mitlub u nonostante illi s-soċjeta attriċi kienet ġiet infurmata li l-esponenti kienet lesta li tiffirma l-iżbank a favur tagħha pproċediet bil-kawża.**

**Salv eċċezzjonijiet oħra"**

wara li semgħet ix-xhieda,

wara li rat l-atti proċesswali,

qed tagħti din is-

**Sentenza**

1. F'din il-kawża hemm ammissjoni tat-talbiet tar-rikorrenti liema ammissjoni però hija kwalifikata fis-sens illi hemm kontestazzjoni dwar l-ispejjeż fis-sens illi skond l-intimata kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet illi d-debitu jitħallas f'pagamenti ta' elf euro fix-xahar, liema ftehim però ma ġiex onorat mir-rikorrenti billi din intavolat sekwestru kawtelatorju u sussegwentement il-kawża odjerna.

2. Mill-provi esebiti minn **Etienne Scicluna**, dak iż-żmien Reġistratur tal-Qrati Ċivili u Tribunali, jirriżulta illi fis-26 ta' Marzu 2021 il-kumpanija rikorrenti intavolat mandat ta' sekwestru kawtelatorju kontra l-kumpanija intimata (bin-numru 645/2021) għas-sorte u in kawtela tal-ammont mitlub f'din il-kawża **kontestwalment** mal-kawża odjerna. Fl-atti tal-mandat ġew intavolati żewġ ċedoli ta' depożitu ossia ċ-ċedola tat-13 ta' April 2021 intavolata mill-Bank of Valletta p.l.c. li permezz tagħha ddepożitat is-somma ta' € 7,140.12[3] u ċ-ċedola tad-29 ta' April 2021 intavolata mill-istess bank li permezz tagħha ddepożitat is-somma ta' € 1,377.29.[4]

3. Fix-xhieda tiegħu **Antoine Scerri**, direttur tal-intimata, spjega illi qabel ma nfetħet il-kawża kien laħaq ftehim ma ċertu Walter Abela permezz ta' *email* li l-intimata tħallas id-dejn f'pagamenti ta' elf euro (€ 1,000) fix-xahar. Din l-*email* ġiet esebita a

[3] Fol 50
[4] Fol 53

fol 55. Wara xi ftit żmien, skond ix-xhud, ġie infurmat mill-Bank of Valletta li sar mandat ta' sekwestru fuq il-kumpanija. Għalhekk kien ikkuntattja lill-avukat biex isiru arranġamenti biex jiġu żbankati l-flejjes depożitati. Ġew esebiti ukoll żewġ ittri legali li nbagħtu mill-avukat tal-kumpanija lill-avukat tal-kontroparti, a fol 56 u 57 tal-proċess. Ix-xhud qal ukoll illi apparti dawn iż-żewġ depożiti, kien hemm ammont ieħor miżmum mill-istess bank, ossia dak ta' € 5,216 li pero ma kienx għadu ġie depożitat fil-Qorti (ara fol 58).

4. Fis-6 ta' Marzu 2023 xehed **Walter Abela**[5] li spjega li bħala rappreżentat tar-rikorrenti huwa kien bagħat proposta bl-*email* lil Antoine Scerri (rappreżentanti l-intimata) sabiex din tibda tħallas elf euro fix-xahar. Madanakollu din il-proposta kienet suġġetta għall-iffirmar ta' ftehim, liema ftehim kellu jiġi ffirmat mid-diretturi tal-kumpaniji rispettivi. Dan il-ftehim baqa' ma ġie qatt iffirmat. Il-kumpanija intimata baqgħet ma ħallset xejn mill-ammont pretiż.

5. Ix-xhud qal illi għalkemm il-ftehim ma' Walter Abela sabiex il-kumpanija intimata tibda tħallas elf euro fix-xahar, sar **wara** li nfetħet il-kawża odjerna, huwa dak iż-żmien ma kienx jaf bil-kawża għaliex l-intimata kienet għadha ma ġietx notifikata u inoltre l-istess Abela ma kienx infurmah biha.

6. Fit-8 ta' Mejju 2023 xehed in kontroeżami **Antoine Scerri** li essenzjalment ikkonferma dak li diġa kien xehed in eżami preċedentement. Fl-istess seduta ġiet ippreżentata kopja ta' ittra uffiċjali li kienet ġiet intavolata mir-rikorrenti kontra l-intimata ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12, liema ittra kienet ġie imwieġba mill-intimata fit-3 ta' Frar 2021 permezz ta' nota risponsiva li biha fissret li l-ebda ammont ma kien dovut minnha lir-rikorrenti.[6]

7. Skond id-disposizzjonijiet rilevanti tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta:

> **'1070. (1) Iż-żmien ifisser iż-żmien stabbilit għall-esekuzzjoni ta' obbligazzjoni.**
>
> **(2) Iż-żmien jista' jiġi stabbilit sew billi jiġi ffissat jum żgur, sew b'riferenza għal ġrajja li għandha tiġri żgur, għalkemm f'jum mhux żgur.**

---

[5] Fol 74E-74F
[6] Fol 81

> **1072. Dak li ma jkollux jingħata ħlief fi żmien stabbilit, ma jistax jintalab qabel l-egħluq ta' dak iż-żmien, imma dak li jkun tħallas bil-quddiem, ma jistax jintalab lura lanqas jekk id-debitur fiż-żmien tal-ħlas ma kienx jaf bil-ftehim dwar iż-żmien.**
>
> **1079. Id-debitur ma jkunx jista' jitlob iżjed il-benefiċċju taż-żmien jekk isir mhux solvibbli, jew jekk l-istat tiegħu jkun hekk tbiddel li jqiegħed fil-perikolu l-ħlas tal-kreditu, jew jekk b'għemilu jkun naqqas il-garanzija illi skont il-kuntratt kien ta lill-kreditur, jew jekk ma jkunx tah il-garanzija li kien wiegħdu.'**

8. L-*email* li qed tistrieħ fuqha l-intimata, ossia' dik tal-5 ta' April 2021, ġiet miktuba minn Walter Abela (rappreżentanti r-rikorrenti) li permezz tagħha nforma lil Antoine Scerri sabiex isib annessa magħha d-dettalji bankarji tar-rikorrenti *"so that you can transfer 1000 euro monthly as per telephone conversation"*. Il-Qorti ma tqisx li din l-*email* tikkonsisti fi ftehim bejn iż-żewġ kumpaniji kontendenti sabiex il-ħlas tad-dejn jibda jitħallas f'pagamenti ta' elf euro fix-xahar. Biss biss ma hemm l-ebda indikazzjoni tal-ammont sħiħ dovut u lanqas m'hemm indikazzjoni tal-kapaċita li fiha kien qed jaġixxi l-istess Walter Abela. Filfatt dan tal-aħħar fix-xhieda tiegħu insista illi iżjed milli ftehim, l-*email* tiegħu kienet proposta għall-ħlas, liema proposta però kellha tiġi attwata fi ftehim iffirmat mid-diretturi, xi ħaġa li effettivament qatt ma seħħet.

9. Fi kwalunkwe każ, mill-atti jirriżulta illi kien biss **<u>wara</u>** li ġiet intavolata l-kawża illi semmai seta' kien hemm xi ftehim bejn il-partijiet dwar ħlasijiet rateali, liema ftehim però qed jiġi kkontestat mir-rikorrenti kif diġa ngħad.

10. Jidher fuq bilanċ ta' probabiltajiet għalhekk illi fil-mument li nfetħet il-kawża odjerna l-ammont mitlub mir-rikorrenti kien ċert, likwidu u dovut. Inoltre, il-fatt biss illi ftit ġimgħat qabel l-intimata kienet irrispenġiet il-pretensjoni tar-rikorrenti li kienet ġiet dedotta fl-ittra uffiċjali ai termini tal-Art. 166A tal-Kap. 12 huwa biżżejjed sabiex jiġġustifika l-ftuħ tal-kawża odjerna li żgur li ma jistax jingħad illi kienet intempestiva.

**Deċiżjoni**

11. **Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda tiddisponi mill-kawża billi tilqa' t-talbiet tar-rikorrenti b'dan illi:**

    1. **tiddikjara illi l-intimata hija debitriċi tar-rikorrenti fis-somma ta' tmint elef, tliet mija u tlieta u sittin euro u erbgħa u tmenin ċenteżmu (€**

**8,363.84), rappreżentanti l-bilanċ ta' prezz ta' concrete mibjugħ bl-ingrossa u kkonsenjat lill-intimata fuq ordni tagħha stess,**

2. **tikkundanna lill-intimata tħallas din is-somma lir-rikorrenti bl-imgħaxijiet legali kif mitluba sal-effettiv pagament,**

3. **tikkundanna lill-intimata tħallas ukoll l-ispejjeż kif mitluba.**

V.G. Axiak | Y.M. Pace
---|---
Maġistrat | Dep. Reġistratur